



Brussell, 12 ta' April 2019
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2015/0287(COD)

8084/1/19
REV 1 ADD 1

CODEC 842
JUSTCIV 99
CONSOM 127
DIGIT 70
AUDIO 57
DAPIX 126
DATAPROTECT 113

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar ċerti aspetti li jikkonċernaw kuntratti għall-provvista ta' kontenut diġitali u servizzi diġitali (I-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġislattiv - Dikjarazzjoni

Dikjarazzjoni mir-Renju Unit

Aħna nappoġġaw il-prinċipju tal-armonizzazzjoni tar-rimedji fl-ambitu tad-Direttivi dwar il-Bejgħ ta' Oġġetti u dwar il-Kontenut Diġitali. Madankollu, ir-Renju Unit jixtieq jiċċara u jiddikjara l-interpretazzjoni tiegħu tad-Direttiva dwar il-Bejgħ ta' Oġġetti fir-rigward tar-regolamentazzjoni tar-rimedji li mhumiex speċifiċi għal-liġi tal-konsumaturi.

Il-konsumaturi fir-Renju Unit għandhom aċċess għal rimedji mhux statutorji (ġurisprudenza minn imħallfin u rimedji "ġusti") li mhumiex speċifiċi għal-liġi tal-konsumaturi, kif ukoll għar-rimedji statutorji li ddaħħlu b'riżultat tad-Direttiva dwar il-Bejgħ ta' Oġġetti tal-Konsum u Garanziji Assoċjati magħhom (1999/44/KE). Ir-rimedji mhux statutorji tar-Renju Unit kienu jeżistu qabel ir-rimedji statutorji li jirriżultaw mid-Direttiva attwali. Huma jaqdu funzjoni importanti li tikkomplementa r-rimedji statutorji.

Aħna nirrikonoxxu li kien hemm tentattiv konkret biex dan jiġi akkomodat fit-test tad-direttiva, b'mod partikolari b'referenza għall-Premessa 14 tad-Direttiva dwar il-Bejgħ ta' Oġġetti. Dawn id-dispożizzjonijiet jindikaw li ser ikun hemm aspetti tal-liġi nazzjonali li l-Istati Membri huma fil-libertà li jirregolaw.

Hija l-fehma tar-Renju Unit li r-rimedji mhux statutorji li huma aspetti tal-liġi nazzjonali, mhux speċifiċi għal-liġi tal-konsumaturi, meta jsiru disponibbli b'żieda mar-rimedji statutorji meħtieġa skont din id-Direttiva, huma kompatibbli mal-għanijiet tad-Direttiva. Nixtiequ għalhekk nirriżervaw il-pożizzjoni tagħna dwar ir-regolamentazzjoni tar-rimedji mhux statutorji li mhumiex speċifiċi għal-liġi tal-konsumaturi.
